**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Awwissu 2022**

**Rikors Numru : 311/2022 JPG**
**Kawza Numru : 23**

**CG**
**U**
**SG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' CG u SG datat 2 ta' Gunju 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru elf disgha mija u tmeinja u tmenin (1988) certifikat anness;*

*Illi l-esponenti ikkonkludew kuntratt ta' separazzjoni personali, permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dott. Patricia Hall datat sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa, u mmarkata bhala Dok A;*

*Illi minn dana z-zwieg, il-kontendenti kellhom zewgt (2) itfal, illum maggorenni.*

*Illi SG qieghda tirrinunzja definittivament ghall-manteniment lilha dovut in forza tal-precitat kuntratt a tenur ta' artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ghandha l-ebda pretensjoni fir-rigward ta' manteniment passat.*

*Illi l-esponenti ilhom minn ftit wara l-pubblikazzjoni tal-precitat kuntratt, it-tnejn qieghdin f'relazzjonijiet stabbli u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;*

*Illi mill-fuq premess isegwi illi huma sodisfatti l-kwesiti kollha mehtiega mill-ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar it-23 ta' Dicembru 1988 u dana billi huma sodisfatti il-kweziti ta' l-Artikolu 66B(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia id-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CG xehed** (vide affidavit fol 16) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-23 ta' Dicembru 1988 u li minn dan twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Jannar 2002 fl-atti tan- Nutar Dr

Patricia Hall. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin sa minn cirka Novembru tas-sena 2000. Di piu' ikkonferma illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**SG xehdet** (vide affidavit fol 15) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Dicembru 1988, liema zwieg jgib certifikat numru 2385/1988 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall nhar is-17 ta' Jannar 2002 (vide Dok. A fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2385/1988 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**